**IR-RESPONSABILITÀ, IL-FEDELTÀ U L-EDUKAZZJONI – L-AQWA STRATEĠIJA NAZZJONALI FAVUR IS-SAĦĦA SESSWALI**

Hekk ikkonkluda l-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali meta ltaqa' sabiex jiddiskuti r-rapport ta' ħidma tal-GU Clinic, il-klinika responsabbli għall-kura ta' mard trasmess sesswalment. Statistika ppreżentata minn Dr. Philip Carabott, Konsulent tal-GU Clinic, jindikaw kif in-numru ta' pazjenti infettati minn mard sesswali baqa' jiżdied sena wara l-oħra. Dr. Carabott qal li min 2221 pazjent li żaru din il-klinika fl-2007, kważi 10% huma persuni taħt it-18-il sena, 43% jkollhom rapporti sesswali każwali u 70% ma jużawx protezzjoni waqt ir-rapport sesswali.

Huwa kien imħasseb għaliex in-numru ta' persuni infettati f'Malta u li ma jużawx din il-klinika huwa ferm ikbar. Ir-raġunijiet jistgħu jkunu varji, minn persuni li ma jkunux qed iħossu wġigħ ta' dan il-mard jew inkella jmorru għand it-tabib tal-familja tagħhom sa oħrajn li jistħu jidħlu f'din il-klinika. L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa tistma' li skond id-daqs, kultura, u ġeografija, Malta għandha potenzjal ta' madwar 13,000-il elf persuna infettata kull sena. B'komplikazzjonijiet serji bħal kanċer tal-għonq tal-utru, problemi fit-tqala, twelid u infertilità, Dr. Carabott saħaq fuq strateġija nazzjonali li twassal messaġġ favur stil ta' ħajja sesswali responsabbli. Huwa wera preokkupazzjoni fuq il-persentaġġ dejjem jiżdied ta' rapporti sesswali każwali u l-fatt li min ikun infettat ma jkunx jaf mingħand min ħa l-marda. Il-kaġun ta' dan jistgħu jkunu rapporti sesswali li jsiru minn persuni li jkunu taħt l-influenza eċċessiva tal-alkoħol u d-droga.

Fil-laqgħa kienu mistiedna ukoll Dr. Charmaine Gauci, Direttur tal-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni mill-Mard u Dr. Anna Maria Vella. Dr. Gauci spjegat kif ġie ffurmat grupp ta' professjonisti li qed jaħdmu fuq strateġija nazzjonali dwar is-saħħa sesswali li se tiffoka fuq aktar għarfien pubbliku, responsabilità, edukazzjoni għat-tfal u ġenituri, sorveljanza, il-kura u r-riċerka. Hija tkellmet fuq kif din l-istrateġija nazzjonali trid tħeġġeġ lis-soċjetà sabiex mhux biss ikollha l-għarfien fuq il-kontraċettivi iżda motivazzjoni favur għemil u attitudni sesswali pożittiva, ibbażata fuq ir-responsabilità, u l-fedeltà bejn il-koppja.

Min-naħa l-oħra, Dr. Vella tkellmet fuq kif iż-żgħażagħ qed ikunu mħajra u mġegħla sabiex jagħmlu s-sess minn età żgħira. Il-ħbieb, il-*media*, l-internet u aċċess faċli għall-pornografija huma fatturi li qed iwasslu għal sess avventuruż li jista' jwassal għal mard u trawmi psikoloġiċi. Dr. Vella saħqet fuq l-importanza tar-rwol tal-ġenituri maż-żgħażagħ u edukazzjoni sesswali fl-iskejjel li jkollha messaġġ pożittiv u ċar. Il-ġenituri għandhom ir-responsabilità li jaraw x'qed jaraw it-tfal fuq l-internet u l-ħbieb ma' min jagħmluha. Edukazzjoni sesswali għandha tkun immirata sabiex iż-żgħażagħ isaħħu l-istima tagħhom infushom u jipposponu r-rapport sesswali għal età aktar matura. Ir-riċerka tindika kif tfajliet li jagħmlu s-sess minn età żgħira jispiċċaw d'dispjaċiri kbar u dwejjaq għar-rapporti li huma jkunu għamlu.

Il-laqgħa tmexxiet mill-Onor Edwin Vassallo u għaliha attendew l-Onor Frederick Azzopardi, l-Onor Joseph Falzon, l-Onor Michael Farrugia, l-Onor Michael Gonzi, u l-Onor Anthony Zammit. Il-Membri qablu li l-libertinaġġ sesswali u l-infedeltà jwassal għal rovina tas-soċjetà u tal-familji. Minħabba l-importanza tas-suġġett, l-Onor Michael Gonzi ppropona konferenza nazzjonali li ġġib flimkien l-imsieħba soċjali ħalli jiġi diskuss aktar fil-fond dan is-suġġett. L-Onor Vassallo u l-Membri tal-Kumitat urew l-impenn tagħhom lejn din il-proposta. Laqgħa oħra fuq dan is-suġġett se ssir nhar l-Erbgħa 3 ta' Diċembru fil-Kamra tal-Kumitati, il-Palazz, Valletta (www.parliament.gov.mt).

**DOI – 27.11.2008**